



Brussell, 9 ta' Ġunju 2026  
(OR. en)

8770/26

LIMITE

CORLX 417  
CFSP/PESC 617  
RELEX 582  
COEST 327  
FIN 612

**ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

Suġġett:           REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li jimplimenta r-  
Regolament (UE) 2024/1485 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni  
fir-Russja

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/...**

ta'...

**li jimplimenta r-Regolament (UE) 2024/1485  
dwar miżuri restrittivi  
fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Russja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/1485 tas-27 ta' Mejju 2024 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Russja<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 17(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

---

<sup>1</sup> ĠU L, 2024/1485, 27.5.2024, <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1485/oj>

Billi:

- (1) Fis-27 ta' Mejju 2024, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2024/1485.
- (2) Fl-14 ta' Frar 2026, ir-Renju Unit, l-Iżvezja, Franza, il-Ġermanja u n-Netherlands ippubblikaw dikjarazzjoni konġunta, li fiha ddikjaraw li huma kunfidenti li Alexei Navalny ġie avvelenat b'tossina letali msejħa epibatidina, minkejja l-allegazzjonijiet mill-Federazzjoni Russa li miet b'kawżi naturali. L-epibatidina hija tossina li tinsab fiż-żringġijiet fl-Amerka t'Isfel u ma tinsabx b'mod naturali fir-Russja.
- (3) L-Unjoni tibqa' soda fil-kundanna tagħha tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tar-repressjoni fir-Russja.
- (4) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, il-Kunsill iqis li jenħtieġ li entità waħda u 15-il persuna fiżika li kienu involuti fil-persekuzzjoni, l-avvelenament u l-mewt ta' Alexei Navalny jiżdiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness IV tar-Regolament (UE) 2024/1485.
- (5) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2024/1485 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness IV tar-Regolament (UE) 2024/1485 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ..., ...

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

**ANNEX**

L-Anness IV tar-Regolament (UE) 2024/1485 huwa emendat kif ġej:

(1) l-entrati li ġejjin jiżdiedu taħt l-intestatura "A. Persuni fiżiċi":

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-elencar
"73 .	Vasily Anatolevich KALASHNIKOV (bir-Russu: Василий Анато́льевич КАЛАШНИКОВ)	Pożizzjoni: Operattiv fil-Forensic Science Institute tas-Special Technology Center tas-Servizz Federali tas-Sigurtà tal- Federazzjoni Russa (FSB) Data tat-twelid: 11.1.1975 Nazjonalità: Russa Sess: raġel	Vasily Kalashnikov, operattiv fil-Forensic Science Institute tas-Special Technology Center tas- s-Servizz Federali tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa (FSB) u espert fil-kromatografija f'fażi gassuża u l-ispettrometrija tal-massa, kien figura ċentrali fl-isforz tat-tim tal-FSB biex iħassar l-evidenza forensika kollha tal- avvelenament ta' Alexei Navalny. L- għarfien espert tekniku ta' Vasily Kalashnikov kien essenzjali biex jiġi żgurat li ma kien għad fadal l-ebda traċċa kimika identifikabbli fuq l-oġġetti personali ta' Navalny. Għalhekk, Vasily Kalashnikov huwa responsabbli għall-għoti ta' appoġġ tekniku u materjali għar-repressjoni tal-oppożizzjoni demokratika billi assista u ffaċilita tali atti.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-elencar
74.	<p>Mikhail Mikhailovich SHVETS</p> <p>(bir-Russu: Михаил Михайлович ШВЕЦ)</p> <p>magħruf ukoll bħala Mikhail STEPANOV</p> <p>(bir-Russu: Михаил СТЕПАНОВ)</p>	<p>Pożizzjoni: Operattiv fl-iSpecial Operations Center tas-Servizz Federali tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa (FSB)</p> <p>Data tat-twelid: 3.5.1977 (15.4.1974 għall-psewdonimu Mikhail Stepanov)</p> <p>Post tat-twelid: Russian SSR (issa Russian Federation)</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p>	<p>Mikhail Shvets huwa operattiv ta' grad għoli fl--iSpecial Operations Center tas-Servizz Federali tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa (FSB). L-investigazzjonijiet dwar l-avvelenament ta' Alexei Navalny jidentifikaw lil Mikhail Shvets bħala membru ewlieni tal-allegat "tim tal-avvelenament", filwaqt li jinnotaw l-użu tiegħu tal-psewdonimu "Mikhail Stepanov" biex jiffaċilita l-użu bil-moħbi ta' aġent nervin. Mikhail Shvets assista l-attentat ta' assassinju billi pprova appoġġ loġistiku u ta' sorveljanza.</p> <p>Għalhekk, Mikhail Shvets huwa responsabbli għall-għoti ta' appoġġ materjali għar-repressjoni tal-oppożizzjoni demokratika billi assista u ffaċilita tali atti.</p>	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-elencar
75.	Alexei Leonidovich KRIVOSHCHENKOV (bir-Russu: Алексей Леонидович КРИВОЩЕКОВ)	Pożizzjoni: Uffiċjal tas-Service for the Protection of the Constitutional Order and Countering Terrorism tas-Servizz Federali tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa (FSB) Data tat-twelid: 11.4.1979 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Alexei Krivoshchekov ilu uffiċjal tas-Service for the Protection of the Constitutional Order and Countering Terrorism tas-Servizz Federali tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa (FSB) mill-2008. F'dik il-pożizzjoni, kien parti minn grupp ta' uffiċjali tal-FSB li operaw taħt identitajiet foloz bl-għan li Alexei Navalny jinżamm taħt sorveljanza matul diversi mill-vjaġġi tiegħu fir-Russja mill-2017 sal-2019. Alexei Navalny kien qed jiġi mmonitorjat minn Alexei Krivoshchekov u żewġ uffiċjali oħra matul l-ewwel attentat ta' avvelenament tiegħu fil-bidu tal-2017, waqt li kien qed jivvjaġġa lejn Kirov.  Għalhekk, Alexei Krivoshchekov huwa responsabbli għall- għoti ta' appoġġ tekniku u materjali għar-repressjoni tal- oppożizzjoni demokratika billi assista u ffaċilita tali atti.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-elencar
76.	<p>Valery Nikolaevich SUKHAREV</p> <p>(bir-Russu: Валерий Николаевич СУХАРЕВ)</p> <p>magħruf ukoll bħala Nikolai Aleksandrovich GOROKHOV</p> <p>(bir-Russu: Николай Александрович ГОРОХОВ)</p>	<p>Pożizzjoni: Uffiċjal għoli tas-Service for the Protection of the Constitutional Order and Countering Terrorism tas-Servizz Federali tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa (FSB)</p> <p>Data tat-twelid: 2.4.1956</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p>	<p>Valery Sukharev huwa uffiċjal għoli tas-Service for the Protection of the Constitutional Order and Countering Terrorism tas-Servizz Federali tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa (FSB). F'dik il-pożizzjoni, kien parti minn grupp ta' uffiċjali tal-FSB li operaw taħt identitajiet foloz, bl-għan li Alexei Navalny jinżamm taħt sorveljanza matul diversi mill-vjaġġi tiegħu fir-Russja, mill-2017 sal-2019. Alexei Navalny kien qed jiġi mmonitorjat minn Valery Sukharev u żewġ uffiċjali oħra matul l-ewwel attentat ta' avvelenament tiegħu fil-bidu tal-2017, waqt li kien qed jivvjaġġa lejn Kirov.</p> <p>Għalhekk, Valery Sukharev huwa responsabbli għall-għoti ta' appoġġ tekniku u materjali għar-repressjoni tal-oppożizzjoni demokratika billi assista u ffaċilita tali atti.</p>	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-elekar
77.	Oleg Borisovich TAYAKIN (bir-Russu: Олег Борисович ТАЯКИН) magħruf ukoll bħala Oleg TARASOV (bir-Russu: Олег ТАРАСОВ)	Pożizzjoni: Uffiċjal fl-Institute of Forensic Science tas-Servizz Federali tas- Sigurtà tal-Federazzjoni Russa (FSB) Data tat-twelid: 6.12.1980 (6.6.1980 għall-pseudonimu Oleg Tarasov ) Post tat-twelid: Russian SSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Oleg Tayakin huwa uffiċjal fl-Institute of Forensic Science tas-Servizz Federali tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa (FSB) li kellu rwol ċentrali fl-operazzjonijiet ta' sorveljanza u komunikazzjoni relatati mal-avveniment kimiku ta' Alexei Navalny. Skont is-sejbiet rigward dak l- avveniment, Oleg Tayakin aġixxa bħala koordinatur primarju għall-missjoni, u kkordina l-komunikazzjonijiet u l-appoġġ loġistiku minn ċentru ta' kmand tal-FSB ibbażat f'Moska. Għalhekk, Oleg Tayakin huwa responsabbli għall-għoti ta' appoġġ tekniku u materjali għar-repressjoni tal- oppożizzjoni demokratika billi assista u ffaċilita tali atti.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-elencar
78.	Alexander Grigorievich MURAKHOVSKY (bir-Russu: Александр Григорьевич МУРАХОВСКИЙ)	Pożizzjoni: Eks tabib Ewlieni tal-Omsk Emergency Hospital No. 1; il-Kap attwali ta' sptar militari f'Omsk Data tat-twelid: 1.7.1971 Post tat-twelid: Omsk, Russian SSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Alexander Murakhovsky huwa l-eks Tabib Ewlieni ta' Omsk Emergency Hospital No.1. F'dik il-pożizzjoni, huwa ċaħad li Alexei Navalny kien ġie vvelenat, u ddikjara li Alexei Navalny soffra minn "disturbi metaboliċi" u rrifjuta li jittrasferih lejn il-Ġermanja għall-kura. Sussegwentement, l-analiżijiet imwettqa fil-Ġermanja kkonfermaw l-avvelenament ta' Alexei Navalny b'sustanza tal-grupp Novichok. Attwalment Alexander Murakhovsky qed jaħdem bħala l-Kap ta' sptar militari f'Omsk.  Għalhekk, Alexander Murakhovsky huwa responsabbli għall-għoti ta' appoġġ tekniku u materjali għar-repressjoni tal-oppożizzjoni demokratika billi assista u ffaċilita tali atti.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-ejenkar
79.	Aleksandr Vladimirovich SABAEV (bir-Russu: Александр Владимирович САБАЕВ)	Pożizzjoni: Tossikoloġista Ewlieni u Kap tad-Department of Acute Poisoning tal- Omsk Emergency Hospital no. 1 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Aleksandr Sabaev huwa t-Tossikoloġista Ewlieni tal-isptar fejn Alexei Navalny irċieva trattament mediku qabel l- evakwazzjoni medika tiegħu lejn il-Ġermanja wara l- attentat ta' assassinju tiegħu b'avveniment. Aleksandr Sabaev ripetutament ċaħad l'avveniment ta' Alexei Navalny, poġġa t-tort għall-kundizzjoni medika tiegħu fuq disturb metaboliku u rrifjuta li jirrilaxxa informazzjoni lill- assoċjati tiegħu dwar il-kundizzjoni medika ta' Alexei Navalny.  Għalhekk, Aleksandr Sabaev huwa responsabbli għall- għoti ta' appoġġ tekniku u materjali għar-repressjoni tal- oppożizzjoni demokratika billi assista u ffaċilita tali atti.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-ejenkar
80.	Anatolii Vyacheslavovich RAZINKIN (bir-Russu: Анатолий Вячеславович РАЗИНКИН)	Pożizzjoni: L-Ewwel Viċi Prosekutur Ġenerali tar-Russian Federation Data tat-twelid: 24.1.1977 Post tat-twelid: Samara Region, Russian SSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Anatolii Razinkin huwa l-Ewwel Viċi Prosekutur Ġenerali tal-Federazzjoni Russa. F'dik il-pożizzjoni, huwa approva l-att ta' akkuża ta' Alexei Navalny f'kawża kriminali ta' frodi u disprezz lejn il-qorti. F'Marzu 2022, il-qorti sabet lil Alexei Navalny ħati ta' frodi u disprezz lejn il-qorti u kkundannatu għal disa' snin f'kolonja penali, b'kont meħud tas-sentenzi kollha.  Għalhekk, Anatolii Razinkin huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-ksur tal-libertà tal-opinjoni u tal-espressjoni, u għal attivitajiet li jimminaw serjament l-istat tad-dritt fir-Russja.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-ejenkar
81.	Alexei Anatolevich ALEKSANDROV (bir-Russu: Алексей Анато́льевич АЛЕКСАНДРОВ)	<p>Pożizzjoni: Maġġur Ġeneral tal-Ġustizzja u Kap tal-Eastern Interregional Investigative Department for Transport of the Investigative Committee tar-Russian Federation; eks Kap tal-West Siberian Transport Investigation Department of the Investigative Committee tar-Russian Federation</p> <p>Data tat-twelid: 22.12.1975</p> <p>Post tat-twelid: Russian SSR (issa Russian Federation)</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p> <p>INN (Identifikazzjoni tat-Taxxa Russa): 220408759681</p>	<p>Alexei Aleksandrov huwa Maġġur Ġeneral tal-Ġustizzja li serva bħala Kap tal-West Siberian Transport Investigation Department of the Investigative Committee tal-Federazzjoni Russa fi żmien l-avvelenament ta' Alexei Navalny. F'dik il-kapaċità, Alexei Aleksandrov irrifjuta li jinvestiga l-avvelenament ta' Alexei Navalny.</p> <p>F1-2022, Alexei Aleksandrov ġie promoss bħala Kap tal-Eastern Interregional Investigative Department for Transport of the Investigative Committee tal-Federazzjoni Russa u ilu jaħdem f'dak ir-rwol minn dak iż-żmien.</p> <p>Għalhekk, Alexei Aleksandrov huwa responsabbli għal ksur jew abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.</p>	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-elencar
82.	Natalia Vladimirovna KONOVALOVA  (bir-Russu: Наталья Владимировна КОНОВАЛОВА)	Pożizzjoni: Imħallef tal-Moscow City Court  Data tat-twelid: 15.12.1972  Nazzjonalità: Russa  Sess: mara	Natalia Konovalova hija Mħallef tal-Moscow City Court. Hija kkonfermat id-deċiżjoni tal-Lefortovo District Court li kienet ċaħdet l-ilment kontra d-Direttorat Investigattiv tas-Servizz Federali tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa (FSB) minħabba n-nuqqas ta' azzjoni tiegħu rigward l-avvelenament ta' Alexei Navalny.  Barra minn hekk, Natalia Konovalova kienet preċedentement estendiet id-detenzjoni ta' membri tal-grupp Pussy Riot u kkonfermat l-arrest tal-ġurnalist Amerikan Evan Gershkovich, il-ġurnalist Russu Ivan Safronov u l-istudent Russu Ibragim Orudzhey.  Għalhekk, Natalia Konovalova hija responsabbli għal ksur jew abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-elekar
83.	<p>Marina Andreevna            БОБЕК            (bir-Russu: Марина            Андреева БОБЕК)</p>	<p>Pożizzjoni: Prosekutur tad-Department of            the Prosecutor General's Office tar-            Russian Federation            Data tat-twelid: 12.8.1986            Nazzjonalità: Russa            Sess: mara</p>	<p>Marina Bobek hija Prosekutur tad-Dipartiment tal-Uffiċċju            tal-Prosekutur Ġenerali tal-Federazzjoni Russa. F'dik il-            pożizzjoni, hija kienet responsabbli għal diversi każijiet ta'            prosekuzzjoni kriminali ta' ċittadini tal-Federazzjoni Russa            li jopponu r-reġim politiku attwali, inkluż kawżi li            jikkonċernaw lil Alexei Navalny.            Għalhekk, Marina Bobek hija responsabbli għal ksur jew            abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni            tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.</p>	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-elencar
84.	Ekaterina Petrovna IVANNIKOVA (bir-Russu: Екатерина Петровна ИВАННИКОВА)	Pożizzjoni: Prosekutur tal-Appeals Department of the Criminal and Judicial Department tal-Prosecutor's Office, Moscow  Data tat-twelid: 6.4.1988  Nazzjonalità: Russa  Sess: mara	Ekaterina Ivannikova hija Prosekutur tad-Dipartiment tal-Appelli tad-Dipartiment Kriminali u Ġudizzjarju tal-Uffiċċju tal-Prosekutur tal-Federazzjoni Russa. F'dik il-pożizzjoni, hija kienet responsabbli għall-prosekuzzjoni kriminali ta' ċittadini tal-Federazzjoni Russa li jopponu r-reġim politiku attwali. Ekaterina Ivannikova kienet involuta fis-sabotaġġ tal-investigazzjoni dwar l-avvelenament ta' Alexei Navalny. Barra minn hekk, Ekaterina Ivannikova kienet involuta fil-kawża ta' Serebrennikov billi rrifjutat li tittrasferixxi lil Alexei Malobrodsky minn detenzjoni għal detenzjoni domiciliari.  Għalhekk, Ekaterina Ivannikova hija responsabbli għal ksur jew abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, ir-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika, u attivitajiet li jimminaw serjament id-demokrazija jew l-istat tad-dritt fir-Russja.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-ejenkar
85.	Aleksandr Vladimirovich GUTSAN (bir-Russu: Александр Владимирович ГУЦАН)	Pożizzjoni: Prosekutur Ġenerali tar-Russian Federation Data tat-twelid: 6.7.1960 Post tat-twelid: Siversky settlement, Gatchinsky District, Leningrad Region, Russian SSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel INN (Identifikazzjoni tat-Taxxa Russa): 781610240809	Aleksandr Gutsan ilu l-Prosekutur Ġenerali tal-Federazzjoni Russa minn Settembru 2025. F'dik il-pożizzjoni, huwa kien responsabbli għall-petizzjoni biex l-Istat Russu jiddikjara l-organizzazzjoni ta' Alexei Navalny l-Anti-Corruption Foundation (ACF) bħala organizzazzjoni terroristika, u b'hekk tiġi kriminalizzata kwalunkwe assoċjazzjoni mal-ACF. Dik il-kriminalizzazzjoni rriżultat f'għadd kbir ta' arresti ta' sostenituri tal-ACF fuq akkużi ta' "finanzjament tat-terroriżmu".  Għalhekk, Aleksandr Gutsan huwa responsabbli għal ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, ir-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika, u attivitajiet li jimminaw serjament id-demokrazija u l-istat tad-dritt fir-Russja.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-elencar
86.	Oleg Nikolaevich NEFEDOV (bir-Russu: Олег Николаевич НЕФЕДОВ)	Pożizzjoni: Imħallef tas-Supreme Court tar-Russian Federation; President tal-Judicial Composition of the First Instance of the Judicial Collegium for Administrative Cases of the Supreme Court tar-Russian Federation  Data tat-twelid: 1.8.1974  Post tat-twelid: Kuznetsk, Russian SSR (issa Russian Federation)  Nazzjonalità: Russa  Sess: raġel  SNILS: 07750947803	Oleg Nefedov ilu Mħallef tal-Qorti Suprema tal-Federazzjoni Russa mill-2017 u ilu jservi bħala President tal-Judicial Composition of the First Instance of the Judicial Collegium for Administrative Cases of the Supreme Court tal-Federazzjoni Russa mill-2023.  Fir-rwol tiegħu bħala Mħallef tal-Qorti Suprema, Oleg Nefedov ppresieda diversi deċiżjonijiet biex jillimita l-libertà ta' organizzazzjoni, l-oppożizzjoni politika u d-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-deżinjazzjoni tal-organizzazzjoni ta' Alexei Navalny l-Anti-Corruption Foundation bħala organizzazzjoni terroristika. Oleg Nefedov ddeċieda wkoll li jipprojbixxi l-hekk imsejjaħ "moviment internazzjonali LGBT".  Għalhekk, Oleg Nefedov huwa responsabbli għal ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, ir-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika, u attivitajiet li jimminaw serjament id-demokrazija u l-istat tad-dritt fir-Russja.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-elencar
87.	Roman Yurievich PLUGIN (bir-Russu: Роман Юрьевич ПЛУГИН)	<p>Pożizzjoni: Logutenent Ġeneral tal-Pulizija; Kummissarju tas-Saint Petersburg Police; Kap tad-Direttorat Ewlieni tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni ta' San Petersburg u r-Reġjun ta' Leningrad</p> <p>Data tat-twelid: 10.3.1975</p> <p>Post tat-twelid: Stavropol, Russian SSR (issa Russian Federation)</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p> <p>TIN: 502719429607</p> <p>SNILS: 10906646049</p>	<p>Roman Plugin huwa l-Kap tad-Direttorat Ewlieni tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni ta' San Pietruburgu u r-reġjun ta' Leningrad, imsejjaħ ukoll Saint Petersburg Police.</p> <p>F'dik il-pożizzjoni, huwa responsabbli għal-limitazzjoni tal-libertà tal-kelma billi ordna l-arrest u d-detenzjoni ta' persuni li attendew is-servizz ta' Alexei Navalny b'mod paċifiku fl-anniversarju tal-mewt tiegħu, u l-arrest ta' mużiċisti tat-triq paċifiċi f'San Pietruburgu li kantaw kanzunetti perċepiti bħala li jesprimu appoġġ għall-oppożizzjoni.</p> <p>Għalhekk, Roman Plugin huwa responsabbli għal ksur jew abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, u attivitajiet li b'xi mod ieħor jimminaw serjament id-demokrazija jew l-istat tad-dritt fir-Russja.</p>	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(2) l-entrata li ġejja tiżdied taħt l-intestatura "B. Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi":

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-elencar
"2.	<p>IPJSC NTK</p> <p>Magħrufa wkoll bħala International Public Joint-Stock Company NTK</p> <p>Magħrufa wkoll bħala NTH International Joint Stock Company</p> <p>(bir-Russu: MKAO NTKh, MKAO HTX, MKAO NTH, MKAO NTKh)</p>	<p>Indirizz: 236004, Kaliningrad region, Kaliningrad, Okyabrskaya street 71-73, room 25</p> <p>Posta elettronika: <a href="mailto:info@ntechlab.ru">info@ntechlab.ru</a></p> <p>Sit web Russu: <a href="http://www.ntechlab.ru">www.ntechlab.ru</a></p> <p>Sit web internazzjonali: <a href="http://www.ntechlab.com">www.ntechlab.com</a></p> <p>INN: 3900040153</p> <p>KPP: 390001001</p> <p>OGRN: 1253900004412</p> <p>OKPO: 87427827</p>	<p>IPJSC NTK hija l-kumpanija azzjonarja ta' NtechLab. NtechLab hija kumpanija Russa tat-teknoloġija tal-għarfien tal-wiċċ soġġetta għal miżuri restrittivi imposti mill-Unjoni. IPJSC NTK kkooperat mad-Department of Information Technologies tal-Belt ta' Moska għall-iżvilupp tas-sistema ta' għarfien tal-wiċċ f'Moska.</p> <p>Id-Direttorat Ewlieni tal-Affarijiet Interni tal-Belt ta' Moska uża s-sistema ta' għarfien tal-wiċċ f'Moska bħala għodda ta' repressjoni biex jimmonitorja u jżomm f'detenzjoni ġurnalisti indipendenti, attivisti tal-oppożizzjoni u parteċipanti fi protesti li kienu qed jipprotestaw b'mod paċifiku b'appoġġ għal Alexei Navalny u b'oppożizzjoni għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. IPJSC NTK ġiet stabbilita biex tiegħu f'idejha l-operazzjonijiet ta' NtechLab meta l-kumpanija rrilokat lejn ir-Russja.</p> <p>Għalhekk, IPJSC NTK hija responsabbli għall-għoti ta' appoġġ tekniku jew materjali għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż arresti jew detenzjonijiet arbitrari, u ksur jew abbużi tal-libertà ta' għaqda paċifika u ta' assoċjazzjoni.</p>	<p>+</p>

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.